Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2024/0112(NLE)**

**10131/24
ADD 1**

**AELE 47
FL 27
ISL 23
MI 520
N 34
EMPL 215
SOC 379**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet |

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**
**Nru...**

**ta' ...**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,**
**dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.

(2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, il-kliem ‘is-snin finanzjarji 2021, 2022 u 2023’ jinbidlu bil-kliem ‘is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023 u 2024’.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta’ Jannar 2024.

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, …

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*

*Is-Segretarji*
*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*